

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11227/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0188 (COD)**

**TRANS 461
ENV 864
FIN 982**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 292 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 1999/62/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 292 final.

Mehmuż: COM(2026) 292 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.6.2026
COM(2026) 292 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-
Direttiva 1999/62/KE**

1. Introduzzjoni

Id-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi tat-toroq⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva (UE) 2025/2459⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva"), tirregola l-impożizzjoni ta' tariffi għall-użu tat-toroq fl-Unjoni. Id-Direttiva timplimenta l-prinċipji ta' min juża jħallas u ta' min iniġġes iħallas fit-trasport bit-triq.

Id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'ċerti każijiet għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Marzu 2022. Id-Direttiva tirrikjedi lill-Kummissjoni tfassal rapport f'dan ir-rigward mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmien il-perjodu ta' 5 snin.

Skont l-Artikolu 9d tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi li ġejjin, sabiex tiżgura li dawn jirriflettu l-progress tekniku u xjentifiku:

- L-Anness 0, li jiddefinixxi l-limiti tal-emissjonijiet għall-klassijiet Euro,
- il-formuli fil-punti 4.1 u 4.2 tal-Anness IIIa, dwar ir-reqwiziti minimi għall-istabbiliment ta' tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju,
- l-ammonti indikati fit-Tabelli tal-Annessi IIIB u IIIC, li jistabbilixxu valuri ta' referenza għat-tariffi għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju u għall-emissjonijiet tas-CO₂.

Skont l-Artikolu 7cb(4) tad-Direttiva, il-Kummissjoni, f'ċerti ċirkostanzi, trid tadotta wkoll atti delegati biex temenda l-Anness IIIC tad-Direttiva fir-rigward tal-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, filwaqt li tqis il-prezz effettiv tal-karbonju applikat għall-fjuwils tat-trasport bit-triq fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, l-Artikolu 7cb (4) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta, sal-25 ta' Marzu 2027, l-implimentazzjoni u l-effettività tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, u l-koerenza tagħha mad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni⁽³⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE⁽⁴⁾, u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tippreżenta, fejn xieraq, proposta leġiżlattiva biex temenda dan l-Artikolu. B'konformità mal-istess dispożizzjoni, jekk l-Artikolu 7cb tad-Direttiva ma jiġix emendat sal-1 ta' Jannar 2027 iżda d-Direttiva 2003/87/KE jew id-Direttiva 2003/96/KE jkunu ġew emendati b'mod li jirriżulta fl-internalizzazzjoni effettiva ta' mill-inqas parti mill-ispejjeż

¹ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/62/oj>).

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2025/2459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal b'emissjonijiet zero jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet milli jithalls (ĠU L, 2025/2459, 4.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2459/oj>).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj>).

esterni tal-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport bit-triq, il-Kummissjoni trid tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness IIIc tad-Direttiva biex il-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ jiġu aġġustati, filwaqt li tqis il-prezz effettiv tal-karbonju applikat għall-fjuwils tat-trasport bit-triq fl-Unjoni. L-Artikolu 9d, it-tieni paragrafu, tad-Direttiva jispeċifika li tali emendi jridu jkunu limitati għall-iżgurar li l-livell tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet tas-CO₂ ma jmorrux 'il hinn minn dak li huwa neċessarju biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni tal-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport bit-triq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq studju dwar l-ipprezzar tal-karbonju fil-pedaġġi u t-tariffi għall-utent, bl-għan li tivvaluta l-implimentazzjoni u l-koerenza tagħhom mal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u t-tassazzjoni tal-enerġija. L-istudju skedat li jitlesta sa tmiem l-2026.

Il-bażi xjentifika u teknika għall-valuri fl-Annessi msemmija fl-Artikolu 9d kif ukoll fl-Annessi V u VI hija l-Manwal tal-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq. Ta' min jinnota, f'dak ir-rigward, li fit-tieni nofs tal-2026 il-Kummissjoni se tippubblika aġġornament ta' dan il-Manwal.

2. Bażi legali għar-rapport

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 9e(2) tad-Direttiva, li jillimita d-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mill-24 ta' Marzu 2022 bil-possibbiltà ta' estensjoni taċita għal perjodu identiku. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-24 ta' Marzu 2022 sad-data tal-adozzjoni ta' dan ir-rapport.

3. Użu tad-delega

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9e(2) tad-Direttiva għadha ma ġietx eżerċitata. L-ewwel raġuni hija l-fatt li l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 7cb(4) tad-Direttiva għandu jitqies biss fil-każ li d-Direttiva 2003/87/KE jew id-Direttiva 2003/96/KE jkunu ġew emendati b'mod li jirriżulta f'internalizzazzjoni effettiva ta' mill-inqas parti mill-ispejjeż esterni tal-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport bit-triq u li l-Artikolu 7cb ma jkunx ġie emendat sal-1 ta' Jannar 2027. Din il-valutazzjoni għadha għaddejja bħalissa. It-tieni raġuni hija n-nuqqas ta' progress xjentifiku jew tekniku sinifikanti li seta' ġie kkunsidrat (jiġifieri aġġornament tal-Manwal),

Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tibqa' rilevanti, l-ewwel nett, biex tiġi żgurata l-kapaċità li jiġu aġġustati l-valuri ta' referenza stabbiliti fl-Anness IIIc tad-Direttiva, filwaqt li titqies il-valutazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7cb(4) tad-Direttiva fid-dawl tal-emenda tad-Direttiva 2003/87/KE u l-applikazzjoni tas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS₂)⁵; u, it-tieni, li tinżamm il-possibbiltà li jiġu aġġornati ċerti Annessi biex jirriflett u l-aħħar progress xjentifiku u tekniku. Kif innotat hawn

⁵ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj>).

fuq, fit-tieni nofs tal-2026, il-Kummissjoni se tippubblika aġġornament tal-Manwal tal-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq.

4. Konklużjoni

Kif imsemmi fit-Taqsim 3, id-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni għadha rilevanti biex id-Direttiva 1999/62/KE tiġi implimentata b'mod effettiv.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.